MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 229/2008

**Talba Nru: 229/2008VGD**

Mediacoop Limited (Coop No. 49).

Vs

Sovereign Caterers Limited (C28364)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ disa mija, wiehed u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75) (ekwivalenti ghal Lm400) rapprezentanti prezz ta’ servizzi ta’ reklamar fuq il-Capital Radio moghtija lis-socjeta’ konvenuta fuq

ordnijiet taghha stess u li baqghu ma thallsux. Illi minkejja li giet interpellata thallas diversi drabi din baqghet inadempjenti. Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-kuntratt sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rata permessa mill-ligi. Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ konvenuta ingunta in subizzjoni, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma dan l-avviz.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ disa mija, u wiehed u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------